2023/2238

9.11.2023

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 83/2023

tat-28 ta' April 2023

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/2238]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim dwar iż-ŻEE'), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/973 tal-14 ta' Marzu 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi kriterji dwar l-effiċjenza agronomika u s-sikurezza għall-użu ta' prodotti sekondarji fi prodotti fertilizzanti tal-UE ([1]) għandu jiġi inkorporat dwar iż-ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 1 (ir-Regolament (UE) Nru 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XIV tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"1a. **32022 R 0973**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/973 tal-14 ta' Marzu 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi kriterji dwar l-effiċjenza agronomika u s-sikurezza għall-użu ta' prodotti sekondarji fi prodotti fertilizzanti tal-UE (ĠU L 167, 24.6.2022, p. 29)."

Artikolu 2

It-test tar-Regolament Delegat (UE) 2022/973 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-29 ta' April 2023, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 77/2023 tat-28 ta' April 2023 ([2]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' April 2023.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Nicolas VON LINGEN

([1]) ĠU L 167, 24.6.2022, p. 29.
* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.
([2]) ĠU L, 2023/2233, 9.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/2233/oj.